MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 131/1999/1

**Joseph u Mary konjugi Borg u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2002 stante l-mewt ta' Mary Borg fl-24 ta' Lulju 2001 assumew l-atti Josephine Cassar, Jane Sammut u Charles Sammut uliedha**

**vs.**

**Joseph Genovese**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera illi permezz tieghu r-rikorrenti, wara illi ppremettew illi huma jikru lill-intimat *garage* bla isem u bla numru f'bitha li taghti ghal St. Andrews' Street, Qormi bil-kera ta' Lm30 fis-sena pagabbli fis-sena bil-quddiem u l-iskadenza li jmiss hija fil-11 ta' Novembru, 1999; illi l-fond imsemmi kien jintuza in konnessjoni mal-mestier ta' l-intimat, *ossia* biex l-intimat

izomm il-vann u l-ghodod b'konnessjoni max-xoghol tieghu ta' bajjad; illi da ricenti [*sic*] l-intimat biddel id-destinazjoni tal-lokazzjoni billi m'ghadux juzah ghall-iskopijiet ta' xogholu; talbu sabiex dak il-Bord joghgbu jawtorizzahom ma jgeddux il-kera lill-intimat u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhirlu xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta ta' l-intimat illi permezz taghha eccepixxa:

Illi t-talba tar-rikorrenti hi wahda kapriccjuza wara li ma rnexxiex it-tentattiv precedenti taghhom tar-ripreza tal-fond kif manifest fis-sentenza ta' dak il-Bord tad-19 ta' Novembru 1996;

Illi fil-verità il-fond *de quo* ghadu jintuza ghall-istess skop li ghalih inkera;
Konsegwentement it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

Rat is-sentenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' April, 2004 illi permezz taghha l-Bord li Jirregola l-Kera cahad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kotrihom, u dana wara illi ikkonsidra hekk:
"1. Bis-sentenza moghtija mill-Bord (diversament presedut) fid-19 ta' Novembru 1996 jirrizulta li l-fond huwa 'hanut' skond it-tifsira moghtija fil-ligi specjali. F'dawn il-proceduri gie stabbilit li l-*garage* in kwistjoni kien gie mikri lill-intimat biex izomm fih il-*van* li juza ghax-xoghol tieghu ta' bajjad kif ukoll izomm l-ghodda u attrezzi li ghandhom x'jaqsmu mas-sengha tieghu. (fol 14-17).

"2. Fir-rikors il-kawzali hija wahda:

'da (*sic*) ricenti l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-lokazzjoni u dan billi m'ghadux juzah ghall-skopijiet ta' xogholu.'

"3. Ir-rikorrenti Mary Borg li giet nieqsa fil-mori tal-kawza stqarret li l-fond u ohrajn kienu ittellghu minn missierha u hutha. Saret qasma u l-fond miss lil missierha. Tibbaza ruhha fuq ir-ricevuti fejn kienet titnizzel il-kelma '*garage*' li hi tifhem post fejn titqieghed

karozza privata. Wara zzied fuq mistoqsija tal-Bord li gieli rat lill-intimat li barra l-vettura li kien juza ghax-xogholijiet kien idahhal karozza privata. Taf li l-intimat hu kien bajjad u kif ukoll fil-fond izomm xi ‘tavluni’. Il-bqija ‘trid’ li l-intimat igieb il-provi hu dwar x’uzu qed jaghmel fil-fond. (fol 9-12).

“4. Ir-rikorrent Joseph Borg isostni li fiz-zmien l-intimat kien jahdem ta’ bajjad u issa m’ghadux. Il-fond kien jintuza ‘biex idahhal il-*van* tax-xoghol … biex jiehu hsieb l-ghodda, igorr l-ghodda xi fallakki u xi slielem’; dan l-ahhar il-fond qed juzah ‘biex idahhal il-*light car* fih privata’ u ma ghadux jahdem ta’ bajjad. In kontroezami jghid li xi ftit jiem qabel ra biss fil-fond sellum ‘u zewg fallakki, biex taparsi ghad hemm l-ghodda’ (fol 48-50).

“5. L-intimat ressaq bhala xhud lil Tony Zammit li jghid li l-intimat ghamillu xi xoghol (fol 54-60). Xhud iehor George [*recte*: James] Harrison ifisser li lill-intimat darba fis-sena il-kumpanija *Cutajar Ltd* tqabbdu xoghol ghal fini tan-negozju u kull sentejn hu personali jqabbdu biex idurlu l-bejt (fol 62-63).

“6. L-intimat jammetti li llum naqqas il-hidma tieghu. Il-*garage* krieh ghal ghodda ta’ bajjad uzah ghalhekk kif ukoll li jdahhal ‘*van* jew karozzi li jkolli’. Illum pensjonant ma jahdimx kuljum, ma jzommx xoghol kbir, imma klijenti ghad ghandu. Il-*van* m’ghadux ghandu. Qabel meta kellu l-*van* kien jigi f’xi okkazjonijiet b’karozza ohra. Jghid kemm jahdmu [*recte*: jahdem] sieghat u x’ghodda ghandu fil-*garage*. Esebixxa ritratti dwar ghodda li jzom[m] fil-hanut. In kontro ezami jghid li l-fond krieh minhabba x-xoghol ta’ bajjad. Ifisser kif jahdem illum u lil min jahdem.

“7. L-intimat illum pensjonant naqqas il-hidma tieghu, la ghandu lavranti u lanqas il-*van* li kien juza ghax-xoghol. Fil-fond izomm hwejjeg li ghandhom x’jaqsmu mas-sengha ta’ bajjad u xi xoghol li jaghmel ghal certi klijenti.

“8. ‘F’materja koncernanti n-*non uso* hu principju konkordi abbracjat minn gurisprudenza kostanti illi n-*non uso* ghal zmien twil hu ekwivalenti ghall-kambjament fid-

destinazzjoni (Vol XXXIV-1-164; Vol XL 11-1-328) s'intendi kull kaz ghandu l-fattizzi partikolari tieghu u allura, f'kazijiet konsimili jehtieg dejjem li jigu valutati c-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun (Vol XLVII-1-302) biex minnhom jigi stabbilit jekk l-allegazzjoni dedotta mis-sid lokatur hiex *ben motivata* u, fuq kollox, radikata.' (*Testaferrata et vs Grima*, 12/11/03, deciza *in parte*).

"9. 'Il-fatt biss li l-intimat seta ghal xi ragunijiet ohra naqqas fi ftit l-attività tieghu kummercjali u allura l-fatt biss illi l-fond ma baqghax jigi uzat bl-istess frekwenza kif kien jintuza precedentament ma jammontax ghan-*non uso* fis-sens tal-Ligi. Is-sidien rikorrenti kellhom jissodisfaw lill-Qorti illi l-inkwilin kien effettivament abbanduna l-fond lilu mikri billi ma baqax juzah ghall-iskop li ghalih inkera. Prova din li tigi newtralizzata jekk l-intimat da parti tieghu jissodisfa l-Qorti li hu baqa juza l-fond skond il-htiega tan-negozju tieghu' (*Felice vs Vella* Appell mill-Bord, 24/3/00; ara ukoll *Zammit vs Aveta*, Appell Civili 7/10/96)

"10. Il-Bord hu tal-fehma li r-rikorrenti ma waslux ghal grad ta' prova li jiggustifikaw l-izgumbrament tal-kerrej. Mary Borg aktarx striehet fuq il-fatt li l-intimat hu pensjonant. Il-karozza privata ta' l-intimat kienet tid[d]ahhal ukoll meta gol *garage* kien hemm l-ghodda u l-*van*. Il-kawza imsemmija mir-rikorrenti *Cutajar vs Mifsud* Appell Civili 910[?]/06/94 tirreferi ghall-fond kummercjali li sar semplici *garage*. Il-fatt li bniedem inaqqas il-hidma tieghu minhabba l-età ma gha[n]dux iwassal ghal zgumbrament. Iz-zmien jghaddi wahdu u l-bniedem ma jistax iwaqqfu. F'kaz ta' dubju, d-dubju ghandu jmur favur il-ker[r]ej li jekk tintlaqa t-talba jmur barra. Dan qed jinghad bhala zieda."

Rat ir-rikors ta appell tar-rikorrenti illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u, konsegwentement, tilqa' t-talbiet attrici (*sic*) bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat;

Rat ir-risposta ta' l-intimat appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti

joghgobha tichad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tar-rikorrenti appellanti kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi fis-sentenza appellata l-Bord li Jirregola l-Kera telaq mill-premessa zbaljata illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "il-fond mertu ta' din il-kawza ma kienx inkera bhala fond kummercjali";

2. Illi, fl-istess sentenza l-imsemmi Bord telaq minn premessa ohra zbaljata, fi kliem ir-rikors ta' appell, dik illi "*nonostante* illi l-appellat dahal fl-età pensjonabbli xorta wahda baqa' juza l-fond ghall-istess skop li kien juzah qabel";

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju huwa frivolu ghall-ahhar u gie avanzat b'leggerezza kbira, kif jirrizulta mill-ewwel konsiderazzjonijiet, hawn taht riprodotti, illi ghamel il-Bord li Jirregola l-Kera fis-sentenza appellata (fol. 88):
"Bis-sentenza moghtija mill-Bord (diversament presedut) fid-19 ta' Novembru 1996 jirrizulta li l-fond huwa 'hanut' skond it-tifsira moghtija fil-ligi specjali. F'dawn il-proceduri gie stabbilit li l-*garage* in kwistjoni kien gie mikri lill-intimat biex izomm fih il-*van* li juza ghax-xoghol tieghu ta' bajjad kif ukoll izomm l-ghodda u attrezzi li ghandhom x'jaqsmu mas-sengha tieghu" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi anke t-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti huwa frivolu ghaliex minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi dak illi qal fiha l-Bord li Jirregola l-Kera huwa illi jirrizulta illi l-

intimat huwa pensjonant, illi l-intimat naqqas l-attività tieghu fix-xoghol ta’ bajjad u illi, fi kliem l-istess sentenza (fol. 89):
“… il-fatt biss illi l-fond ma baqghax jigi uzat bl-istess frekwenza kif kien jintuza precedentament ma jammontax ghan-*non uso* fis-sens tal-Ligi.”

Dina l-Qorti taqbel perfettament ma’ dak illi ikkonstata u ikkonkluda l-Bord li Jirregola l-Kera kif riportat fil-paragrafu ta’ qabel dan;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta’ dina l-Qorti l-appell interpost mir-rikorrenti huwa wiehed frivolu u vessatorju u, konsegwentement, sejra taghmel il-provvediment opportun fil-kap ta’ l-ispejjez;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tar-rikorrenti appellanti u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mir-rikorrenti appellanti b’dan illi, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti sabiex ihallsu lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------